MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 9 ta’ Marzu 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Mercieca)**
**(Spettur Matthew Spagnol)**

**vs**

**Omissis**

## Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Omissis** talli f’xi hin filghodu nhar it-3 ta’ Marzu 2016, gewwa t-Tribunal Lokali Lvant, Triq San Mikiel, San Gwann:

1. Inġurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ Dr. Filippa Zahra, PS 691 J. Mula u PS 1128 G. Sammut, persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li dawn kienu jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

2. Ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita` jew ta’ PS 1128 G. Sammut u PS 691 J. Mula persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma

ħallihomx jew fixkilhom waqt li kienu jagħmlu id-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħlilhom fi dmirijiethom, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi jġib fix-xejn jew iħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi.

3. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Dr. Sandra Sladden.

4. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju.

5. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni, fil-konfront ta' diversi uffiċjali nkarigati mil-liġi.

6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti li joffendi l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika.

Akkuzat ukoll talli f'xi hin wara nofsinhar nhar l-4 ta' Marzu, gewwa l-bini tal-GWU, Triq Nofs in-Nhar, Valletta:

7. Inġurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna tal-Ispettur Sandro Camilleri, persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li dawn kienu jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

8. Ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew tal-Ispettur Sandro Camilleri persuna inkarigata minn servizz pubbliku, jew ma ħallihomx jew fixkilhom waqt li kienu jagħmlu id-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħlilhom fi dmirijiethom, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi jġib fix-xejn jew iħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi.

Akkuzat ukoll talli nhar is-7 ta' Marzu 2016 u t-3 ta' Marzu 2016 f'dawn il-Gzejjer:

9. Gab ruhu b’tali mod li ta fastidju lil Dr. Filippa Zahra, u b’mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dak li ghamel kien ta fastidju ghal Dr. Filippa Zahra.

10. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanza, ikkaguna lil Dr. Filippa Zahra bizgha li ser tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra l-proprjeta’ taghha jew kontra il-persuna jew il-proprjeta’ ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa jew familjari ohra taghha.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija jigu applikati l-provedimenti tal-Artikoli 382A u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta’ Dr. Filippa Zahra LLD u l-Ispettur Sandro Camilleri billi jigu applikati l-provedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex flimkien ma’ hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni tohrog Ordni ta’ Trattament li jkun mehtieg fil-konfront tal-akkuzat Omissis u dan ai termini 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat, liema ammissjoni giet rikonfermata wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u anke spjegatlu l-konsegwenzi ta’ tali ammissjoni;

Semghet ix-xhieda tal-Psikjatra Dr. Mark Xuereb;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni registrata mill-imputat, il-Qorti, wara li rat l-atti processwali, ma tistghax hlief li ssibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi fir-rigward tal-piena il-Qorti sejra taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:-

1. Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet fl-iktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri;
2. Illi l-imputat skuza ruhu in atti tal-agir tieghu;
3. Illi ghalkemm il-fedina penali tieghu ma hiex xi wahda netta, lanqas hi xi wahda refrettarja;
4. Illi l-Psikjatra Dr. Mark Xuereb huwa tal-opinjoni illi l-imputat ghandu bzonn jigi segwit minn professjonisti biex flimkien jahdmu sabiex jigi korrett l-agir tieghu sabiex ma jigux ripetuti incidenti simili.

Illi meta hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi kollha tal-kaz il-Qorti hija tal-fehma illi l-piena misthoqqa lill-imputat hija wahda mhux karcerarja izda ghandha tkun wahda fejn taghti l-opportunita` lill-imputat jahdem fuqu nnifsu bl-ghajnuna ta' nies professjonali li lesti li jghinuh.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat **Artikoli 95, 251A (1)(a)(b), 251B(1), 338 (dd), 338 (ee), 338 (BB), u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali,** qieghdha tiddikjara lill-imputat **Omissis** hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u qieghdha **tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.**

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 22(3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-hati fi kliem car, kemm ir-responsabilita' tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum.

In oltre, il-Qorti qieghdha tikkundanna lill-imputat Omissis **ghall-hlas ta' multa fl-ammont ta' elf u mitejn ewro (€1200)** liema somma ghandha tigi mhallsa f'rati mensili ta' erbghin ewro (€40) fix-xahar b'dana illi jekk l-imputat jonqos li jhallas xi rata, is-somma tigi dovuta kollha f'daqqa u fin-nuqqas li tithallas tigi konvertita f'prigunerija ai termini tal-artikolu 11 (3) tal-Kodici Kriminali.

Di piu`, il-Qorti qieghda tpoggi lill-imputat Omissis taht **Ordni ta' Trattament** ai termini tal-Artikolu 412 D tal-Kodici Kriminali u dan skond il-kundizzjonijiet tad-digriet datat illum stess u anness ma' din is-sentenza, liema digriet jifforma parti integrali minnha.

Fl-ahharnett il-Qorti qieghdha tipprovdi ghas-sigurta` ta' Dr. Filippa Zahra u tal-Ispettur Sandro Camilleri billi tohrog **Ordni ta' Protezzjoni** ai termini ta' l-Artikolu 412 C tal-Kodici Kriminali u dan skond il-kundizzjonijiet imnizzla fid-digriet moghti kontestwalment u li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**